**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 27 ta' Ottubru, 2016**

**Mandat Nru: 1401/2016/1 AF**

**Maria Arrigo u Louis Joseph Sant Cassia**

**vs**

**L-Awtorità tal-Ippjanar**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Maria Arrigo u Louis Joseph Sant Cassia, li permezz tieghu talbu lil din il-Qorti sabiex izomm l-intimat milli jirrikonoxxi l-applikazzjoni bin-numru PA/01378/16 kontenenti dikjarazzjoni falza u qarrieqa u jiddesistu milli jkomplu jipprocessaw jew jilqghu it-talbiet maghmula fl-imsemmija applikazzjoni u din biex jigu mizmuma milli jiddeciedi/tiddeciedi t-talbiet u l-applikazzjoni msemmija u dan minhabba l-pregudizzju rrimedjabbli li se jbati l-esponenti u kif spjegat ahjar fil-Protest Gudizzjarju bin-numru 342/16 (Dok. MJ1).

Rat id-digriet precedenti.

Rat ir-risposta tal-Awtorità tal-Ippjanar.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat li r-rikors thalla ghal digriet in camera.

Ikkunsidrat illi l-Art. 873 tal-Kap. 12 jipprovdi illi:

> *"(1) L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.*
>
> *(2) Il-qorti m'ghandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet."*

L-insenjament ta' dawn il-Qrati fir-rigward huwa kostanti fis-sens:

> *"Illi bil-ligi, jehtieg li r-rikorrenti huri zewg hwejjeg biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta' Mandat bhal dak. L-ewwel haga li jrid juri hi l-mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrent. It-tieni haga hi li r-rikorrent jidher li ghandu, mad-daqqa t'ghajn (prima facie) dawk il-jeddijiet. Minn kliem il-ligi nfisha, iz-zewg elementi huma kumulativi u mhux alternattivi. Jekk xi wiehed minn dawn iz-zewg elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug ta' mandat bhal dak. Siewi wkoll li wiehed izomm quddiem ghajnejh li l-procedura li hija mahsuba biex titqies talba bhal din hija wahda sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bhal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigh tal-kawza dwar l-istess jedd."* – (Mugliett vs Bonnici – 25 ta' Jannar 2005)

Ir-rikorrenti f'dawn il-proceduri qeghdin jitolbu l-Qorti zzomm lill-Awtorità intimata milli tipprocessa talba ghall-hrug ta' permess ta' zvilupp ghaliex isostnu li fl-applikazzjoni nghatat informazzjoni qarrieqa dwar min fil-fatt huwa sid il-proprjetà. L-Awtorità ssostni li galadarba jezistu l-proceduri skond il-ligi u r-rikorrenti odjerni huma *registered objectors*, ma jissussistix l-element rikjest ta' irrimedjabilità.

Il-Qorti hadet nota fil-kuntest tad-diversi pronunzjamenti ta' dawn il-Qrati fi proceduri fejn saru talbiet simili, madanakollu tqis li l-fattispecie ta' dan il-kaz huma partikolarissimi. L-applikant innifsu jiddikjara f'atti gudizzjarji quddiem il-Qorti tal-Magistrati illi huwa jiddetjeni l-proprjetà *de quo* bi qbiela. Ghalhekk, f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti tqis li jekk l-Awtorità tissokta tikkonsidra l-applikazzjoni tkun qed tappoggja dikjarazzjoni manifestament inveritjiera, jekk mhux addirittura frawdolenti tal-applikant. Il-Qorti tirreferi fil-kuntest ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza Debono vs l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambejnt u l-Ippjanar u l-kjamat in kawza Carmelo Borg (5 ta' Novembru 2015).

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' definittivament it-talba kif kontenuta fir-rikors tas-27 ta' Settembru 2016 u twaqqaf lill-Awtorità tal-Ippjanar milli tkompli tipprocessa talba numru 01378/16.

Kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha.

IMHALLEF